MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 07/2024-9**

**It-Tnejn, 25 ta' Novembru 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**07.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

07.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

07.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 06/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

07.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

07.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 06/2024-9 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

07.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri li ma baqa' xejn pendenti bħala xogħolijiet li ġew approvati mil-laqgħa ta' qabel. Qal li baqa' biss xogħlijiet pendenti li għandhom x'jaqsmu ma' Awtoritajiet tal-Gvern.

07.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva espressjonijiet t'interess mingħand il-pubbliku għal kera ta' post *ground floor* f'Marsalforn fejn dawn intbgħatu lil Ministru tas-Saħħa u Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill qed jistenna risposta mill-Ministeru f'dan ir-rigward.

07.3.3 Rigward l-attivita' tal-Halloween 'Valley of Fears' li saret f'Marsalforn, informa lill-membri li għal din l-attivita' kien hemm konkorenza tajba ħafna u nġabret is-somma ta' €500 għal ALS – Dar Bjorn.

07.3.4 Informa lill-membri li l-Festa ta' San Fortunato kienet suċċess u rringrazzja lil kull min ta' sehmu.

07.3.5 Propona u l-membri qablu sabiex jinxtraw 30 siġra tal-Milied sabiex jiġu mżejna fil-Pjazza u fi Ġnien iż-Żebbuġ. L-ispiża m'għandhiex taqbeż l-€1,200.

07.3.6 Is-Sindku Baskal Saliba nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva l-approvazzjoni tad-Direttur Ġenerali fi ħdan l-MGP sabiex jiġu nstallati fanali tul il-Wied ta' Marsalforn. Il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet f'dan ir-rigward.

07.3.7 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex issir joint application mar-Reġjun t'Għawdex biex fondi mid-DPF jintefqu għal bdil tal-fanali kollha ta' Triq il-Knisja, Triq Ġoma, Triq Kappillan Vella u Pjazza l-Assunta. L-Inġineer Simon Mizzi għandu jħejji l-BOQ.

07.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri li kellha titħallas *subscription* fuq il-program Canva sabiex ikunu jistgħu jiġu ddisinjati l-posters u b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiffranka il-flus għal graphic designer.

07.3.9 Is-Sindku nforma lil membri li tħejja disinn għal kalendarji. Il-membri qablu li għandhom jiġu ppublikati 600 kalendarju.

07.3.10 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jitwaħħal dawl fil-playing field tal-Virtut u mal-ħajt ta' l-iskola li jagħti għal fuq iż-Żebbuġ Playing Field.

07.3.11 Is-Sindku propona u l-membri qablu li jsiru żewġ ħarġiet għal familji f'Malta, waħda fis-16 ta' Diċembru fejn jżuru postijiet ta' nteress u oħra fid-29 ta' Diċembru għal Fairy Land.

07.3.12 Is-Sindku nforma lill-membri li l-problema tad-dawl li kien hemm fiż-Żebbuġ Playing Field ġiet solvuta.

07.3.13 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill rċieva korrispondenza mill-ġenituri tat-tfal ta' l-iskola sekondarja fejn talbu sabiex it-trasport ta' l-iskola ma jieqafx biss fil-Pjazza iżda jdur id-dawra l-qasira tal-purċissjoni. Kompla jgħid li wara diversi

diskussjonijiet dan is-servizz ser jibda' jiġi offrut kif mitlub mill-ġenituri.

07.3.14 Propona u l-membri qablu sabiex l-Kunsill jitlob is-servizz ta' kumpanija privata sabiex jibdew jimtlew l-applikazzjonijiet għal fondi ta' l-EU.

07.3.15 Is-Sindku Baskal Saliba nforma lil membri preżenti illi ħarġet Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2025 – SPI/SCI/08/2024 maħruġa mid-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy. Ippropona li jiġi organizzat għall-ewwel darba Karnival f'Marsalforn, il-Ħadd, 2 ta' Marzu filgħodu fil-Marsalforn Water Front bl-istem 'Sulla Spjaggia....Allegrija e Fantasia' fejn jiġi organizzat logħob kompetittiv u attivitajiet għat-tfal, pony rides, bouncy castle, parata mill-kumpaniji taż-żfin u karrijiet, daneż mill-kumpaniji taż-żfin, prinjolata u kukkanja. Kompla jgħid li hu mistenni li l-ispiża tilħaq is-€6,025. Minn din l-iskema l-Kunsill jista' jibbenifika sa massimu ta' €5,000. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema.

## 07.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

07.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

07.4.1.1 Propona u l-membri qablu sabiex jinxtara presepju ta' 11-il figura għal Pjazza l-Assunta. L-ammont m'għandux jaċċedi l-€1,300.

07.4.1.2 Talab sabiex issir tfakkira għal bankina ta' J P Camilleri fi Triq Mons De Piro fuq il-Gozo LC Works.

07.4.1.3 Talab sabiex isir il-bqija tar-railing fit-taraġ li minn fejn il-latrina tal-Qbajjar promenade jieħdok għas-swimming zone tal-klieb. Il-membri qablu li għandha ssir talba fuq il-Gozo LC Works.

07.4.1.4 Propona u l-membri qablu sabiex jitneħħa id-double yellow line minn quddiem Ellis Flats fi Triq il-Qbajjar.

07.4.1.5 Talab sabiex jerġa' jinżebaħ id-double yellow line ta' quddiem l-Izibet fi Triq il-Qbajjar li kull darba qed jitneħħa minn persuni mhux magħrufa. Il-membri qablu.

07.4.1.6 Il-Kunsillier Daniel Cordina ried jagħmel kjarifika rigward id-double yellow line li ġie mitlub sabiex jinżebaħ fi Triq Għajn Mhelhel hu ddikjara illi qatt ma qal li ma qabilx. Kompla jgħid li r-resident ma talabx għal 1m double yellow line mal-garaxx iżda għal double yellow line minn mal-koxxa tal-bieb sad-dar ta' maġenbu. Il-membri l-oħra qablu li t-talba oriġinali tas-sid kienet li d-double yellow line jsir mill-kaxxa tal-bieb sad-dar ta' maġenbu.

07.4.1.7 Propona u l-membri qablu sabiex jinxtraw 4 bins u jitpoġġew fi Triq l-Imgħallem.

07.4.1.8 Talab sabiex titneħħa id-disabled parking bay li kienet riservata fi Triq Ħabel it-Twil peress li min kien jużha ġie nieqes. Talab minflok li issir kaxxa żgħira għal muturi. Il-membri qablu sakemm ma tiġix faċċata ta' xi garaxx.

07.4.1.9 Propona u l-membri qablu sabiex tiġi preparata BOQ mill-Perit tal-Kunsill u jintalbu fondi tad-DPF sabiex jitranġa t-taraġ ta' Barda.

07.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

07.4.2.1 Talbet sabiex minflok is-sellum ta' l-istainless steel li jinġabar fix-Xitwa minħabba l-maltemp fix-Xwejni u fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer minflok ssir talba mal-Gozo LC Works sabiex isiru oħrajn proviżorji. Il-membri qablu.

07.4.2.2 Talbet sabiex titranġa l-mera li hemm fi Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq ix-Xtut. Il-membri qablu li għandu jintbgħat ħaddiem tal-Kunsill.

07.4.2.3 Staqsiet meta ser jitlesta ix-xogħol għal twaħħil ta' CCTV cameras għal komunitajiet aktar siguri. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li l-Kunsill talab lid-DLG għal approvazzjoni ta' estensjoni sa' l-aħħar ta' Jannar 2025 fejn ġiet approvata.

07.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

07.4.3.1 Talab sabiex mal-ħajt tat-Triq ta' Ċenċ jsir ftit konkos minħabba l-ilqugħ ta' l-ilma. Il-membri qablu.

07.4.3.2 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lill-MGP rigward il-blat li qed iċedi fi Triq ta' Ċenċ.

07.4.3.3 Staqsa jekk tistax titranġa l-latrina tal-Qbajjar Promenade. Is-Sindku nfurmah illi l-Kunsill kien applika għal fondi f'dan ir-rigward u għadu qed jistenna l-eżitu tad-DLG.

07.4.3.4 Propona sabiex il-one ways ta' Triq Ġoma u Triq Kappillan Vella li saru għal waqt id-dħul u l-ħruġ mill-iskola jibqgħu il-ħin kollu. Il-membri ma qablux peress li fil-Kunsill preċedenti kien diġa' għamel prova ta' dan u r-residenti oġġezzjonaw.

07.4.3.5 Propona sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa tal-bankini li hemm fl-ewwel parti ta' Triq il-Qbajjar qrib il-Lantern Restaurant. Il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet.

07.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

07.4.4.1 Talab sabiex issir talba lil Ministeru għal Għawdex sabiex jitnaddaf Wied l-Infern peress li kibru siġar tar-riġnu li huma siġar invażivi li qed jostakolaw minn fejn jgħaddi l-ilma. Il-membri qablu.

07.4.4.2 Talab sabiex titnaddaf Triq Wied l-Abjad bil-makkinarju peress li t-triq djieqet bit-terrapien li waqa' mill-għelieqi. Il-membri qablu li jinġabru kwotazzjonijiet għal dan ix-xogħol.

07.4.4.3 Informa lill-membri li xi sewwieq ħabat u waqqa' ħajt tas-sejjiegħ fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li għandu jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill biex jirranġaħ.

*Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-kamra sabiex item no 07.7 tiġi diskussa qabel peress li l-Accountant tal-Kunsill wara ser ikun indispost. Il-membri qablu.*

07.7 **Q3 – Financial Statements January – September 2024**

06.5.1 L-accountant tal-Kunsill ingħaqad b'kollegament telefoniku mal-kamra fil-5.20 ta' filgħaxija. Informa lill-membri li l-Kunsill jinsab b'telf ta' madwar €60,000 fuq natura kurrenti li ftit iktar minn €40,000 huma tipping fees. Talab sabiex il-Kunsill ikun kawt fl-infiq tiegħu u jaspira li sa l-aħħar tas-sena is-sitwazzjoni tal-Kunsill tkun aħjar.
Il-membri approvaw il-financial statements u rringrazzjaw lil Accountant ta' l-ispjega tiegħu u ħalla l-kamra fil-5.35 ta' filgħaxija.
Is-Sindku rrimarka li hemm diversi kontijiet pendenti li ġejjin minn snin preċedenti u li jammontaw għal madwar €180,000.
Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont ta' kemm hu previst li jkun id-dejn fuq proġetti kapitali sal-aħħar tas-sena u reġgħet enfasizzat dak li qal l-accountant u s-Sindku sabiex il-Kunsill joqgħod attent x'jonfoq u meta jkun qed iħejji l-budget joqgħod kawt.

07.5 ***Performance Bonuses* tal-Ħaddiema tal-Kunsill.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra sabiex il-membri jkunu jistgħu jiddiskutu l-performance bonus tal-ħaddiema.

Il-performance bonus ġie approvat mill-membri sabiex il-ħaddiema jieħdu l-massimu cioe' is-Seg. Eżekuttiv 10% waqt li l-ħaddiema l-oħra 6%.

07.6 **Stqarrija għall-Istampa – Batterija ta' Santa Marija**

Is-Sindku qara stqarrija għall-istampa li ġiet mibgħuta flimkien ma l-Aġenda għal attenzjoni tal-membri. Din l-istqarrija tinsab annessa ma dawn il-minuti mmarkata bħala Dokument A.

Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini ddikjarat li hi taqbel mal-prinċipju għax il-Batterija hija patrimonju u wirt tagħna pero' proponiet li qabel għandha ssir laqgħa mal-Ministru kkonċernat. Is-Sindku nfurmaha illi l-Avukat tal-Kunsill bgħat emails pero baqa' bla

risposta. Il-Kunsillier Nicky Saliba qabel mal-Kunsilliera Dr Marlene Cini. Is-Sindku fakkar li minn meta' ġiet preparata l-istqarrija l-Batterija kompliet tiddeterjora. Il-Viċi Sindku nforma lil membri li lanqas ġiet mwieġba l-PQ mill-Gvern li saret mill-Oppożżizjoni. Kompla jgħid li jekk il-Kunsill joħroġ l-istqarrija hemm ċans kbir li l-Kunsill ikollu xi risposta mill-Ministeru kkonċernat.

Il-Kunsilliera Dr Marlene Cini u Nicky Saliba talbu li l-ewwel għandha ssir laqgħa. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex jingħata ċans ta' ġimgħa biex jilħaq jitlob laqgħa mal-Ministeru. Qablu li jekk ma ssirx il-laqgħa l-Kunsill jipproċedi bl-istqarrija.

07.8 **Ħatra tal-Membri tal-Bord (Vacancy No. 412737)**

Il-membri qablu li l-membri fuq il-bord ta' l-għażla għal vakanza li ħarġet għal ħaddiem ta' l-iskema CIES jkunu s-Sindku, Baskal Saliba, il-Viċi Sindku, Daniel Cordina u l-Kunsillier Nicky Saliba jew il-ħaddiema tal-Kunsill Riona Attard. Is-Segretarju tal-Bord Odette Camilleri. Qablu li l-intervisti jsiru l-Ħamis, 5 ta' Diċembru fit-8.30 ta' filgħodu.

07.9 **Materji Oħra**

07.9.1 Talba mingħand l-Awtur Charles Bezzina għal xiri ta' kotba 'When the Siren Wailed' li jiswew €15-il wieħed. Il-membri qablu li jinxtraw żewġ kotba għal-librerija.

07.9.2 Rigward id-double yellow line faċċata tad-dar 'Weeping Madonna' fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri, TM infurmaw lil Kunsill illi r-resident jixtieq li dan jitwal ftit oħra. Il-membri ddikjaraw illi l-Kunsill għandu jżomm mal-policy tiegħu fejn il-Kunsill diġa' ġab l-approvazzjoni għal 2 metri u għalhekk l-Kunsill għandu jirrispetta d-deċiżjoni ta' quddiem min ser jinżebaħ id-double yellow line.

07.9.3 Inġabru kwotazzjonjiet u preżentat lill-sabiex jinxtraw 6 barriers tal-plastic sabiex jitpoġġew f'Marsalforn għal għeluq tal-Menqa u Triq il-Port peress li l-pulizija ġabru l-barriers tagħhom. Il-membri qablu li jinxtraw.

07.9.4 Korrispondenza minn TM fejn infurmaw lil Kunsill illi t-talba għal personalised reserved parking bay ta' M Tabone fi Triq l-Isqof Pace ser tkun riservata bejn Ġunju u Settembru. Il-kontenut ġie nnotat.

07.9.5 Korrispondenza minn TM rigward talba għal parkeġġ riservat għal N Vella fi Triq Santa Marija. Il-kontenut ġie nnotat.

*Il-Kunsillier Nicky Saliba skuża ruħu li kellu jitlaq. Dan ħalla l-kamra fis-6.15 ta' filgħaxija.*

07.9.6 Korrispondenza mill-CPT fejn infurmawna illi fi Triq is-Salini hemm double yellow line miżbugħ daqs 3 metri l-barra mill-ħajt. Il-membri nnotaw il-kontenut.

07.9.7 Talba mingħand resident fi Triq il-Wied, Marsalforn sabiex bozza numru 296 tinżel l-isfel minħabba d-dawl qawwi li qed jidħol fil-kamra. Il-membri qablu li jitwaħħal shade.

07.9.8 Talba mingħand resident fi Triq in-Naħla sabiex titwaħħal bozza peress li t-triq mudlama. Il-membri qablu.

07.9.9 Talba mingħand l-MSSP sabiex teħel bozza ma' arblu qrib il-kunvent fi Triq Mons G De Piro. Il-membri qablu li għandu jeħel fanal.

07.9.10 Talba mingħand resident sabiex jitnaddaf passaġġ f'Għajn Qużżat u jingħata ftit konkos. Il-membri qablu li qabel għandha tittieħed id-direzzjoni tal-Perit tal-Kunsill f'dan ir-rigward u wara tinġabar kwotazzjoni u terġa tiġi diskussa bejn il-membri.

07.9.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill kollha t'Għawdex ġew infurmati li ser jitneħħew il-Blue Bins tal-ħwejjeġ minn kull lokalita'.

07.9.12 Talba mingħand resident sabiex jiġu nstallati aktar bins fi Triq Kaċċaturi, Triq Sagħtrija u Triq Skappuċċina. Il-membri ma qablux minħabba loġistika.

07.9.13 Talba mingħand resident sabiex minflok il-palma li nqalgħet fi Triq ir-Rabat tiġi mħawla siġra oħra. Il-membri qablu li ssir talba mal-

Gozo LC Works peress li din hija triq arterjali u aktarx ser tinqala mill-ġdid din it-triq dalwaqt.

07.9.14 Inġabru kwotazzjonijiet għal CCTV camera ma' l-istore tal-Virtut. Il-membri qablu li għandha tintgħażel l-irħas offerta.

07.9.15 Talba mingħand ex-Kunsillier sabiex jiġu ordnati lapel badges tad-deheb għal ex Viċi Sindki, Sindki u Kunsilliera. Il-membri qablu li din il-materja għandha titħalla għal aktar 'il quddiem meta l-pożizzjoni finanzjarja tal-Kunsill tkun aħjar.

07.9.16 Rigward it-talba għal yellow line faccata ta' 'St Albans' fi Triq il-Ponta. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li TM ma approvawhx. Il-membri qablu li minflok isir 1 m yellow line mal-ġnub tal-garaxx.

07.9.17 Ilment Z 20/247 – talba sabiex flok in-nesting swing taż-Żebbuġ Playing Field minflok jeħlu bandli għat-tfal ċkejknin. Il-membri qablu.

07.9.18 Ilment M 15/24 – talba mingħand resident fi Triq in-Naħla sabiex titranġa l-bankina. Is-Sindku ddikjara kunflitt ta' nteress u ma ħax sehem fid-deċizjoni. Il-membri qablu li din tissewwa mill-ħaddiem tal-Kunsill.

07.9.19 Ilment M 14/24 – Talba mingħand resident sabiex tinbidel ic-charging pillar ta' Triq Santa Marija. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li diġa ħadet ħsieb dan l-ilment u fil-ġimgħat li ġejjin għandha tinbidel għal waħda silenzjuża.

07.9.20 Ilment Z 22/24 – Talba mingħand resident sabiex l-istage li hemm Ta' Barda jitmexxa aktar 'il fuq sabiex ma jkunx f'niżla. Il-membri ma qablux sabiex ma jintilfux parkeġġi.

07.9.21 Ilment Z 21/24 – Talba mingħand resident fejn talbet sabiex jitranġa ħajt tas-sejjiegħ fi Triq ta' Ċenċ li waqa' kawża ta' l-ilma li nieżel minn Triq Mons De Piro. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jistenna l-eżitu tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar f'dan ir-rigward.

07.9.22 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Perit tal-MGP ħejja rapport sabiex jitranġa il-ħajt ta' Triq ix-Xagħra li jagħti għal fuq Triq il-Munġbell, dan wara li ċeda biċċa minnu bil-maltemp. Dan ser jisewwa mill-MGP.

07.9.23 Ilment Z 23/24 – Talba minn resident sabiex titranġa bis-siment il-fossa tat-triq ta' quddiem id-dar tiegħu fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Il-membri qablu li għandu jirranġha il-ħaddiem tal-Kunsill.

07.9.24 Talba sabiex isir parkeġġ tal-muturi fi Triq il-Munġbell. Il-membri qablu li għandha ssir talba ma' Transport Malta.

07.9.25 Talba mingħand resident sabiex fuq ħajt ġa mibni li jinsab fi Triq l-Imgħallem isirlu wiċċ tas-siment sabiex ma jaqax. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiem tal-Kunsill.

## 07.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 05/2024 għall-perjodu ta' Novembru 2024 li tammonta għal €145,516.48 ġiet approvata mill-membri preżenti

## 07.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.55 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 19 ta' Diċembru 2024 fil-4.15 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv

Dok A.

*Stqarrija għall-istampa*

**IL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ, GĦAWDEX JAPPELLA SABIEX TIĠI SALVATA L-BATTERIJA TAL-QBAJJAR**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex, fl-aħħar xhur u snin kemm -il darba tkellem u enfasizza li għandha tittieħed azzjoni mmedjata biex tiġi salvata l-Batterija tal-Qbajjar fil-limiti ta' Marsalforn, Żebbuġ, Għawdex peress li din tinsab fi stat ħażin ħafna u fil-periklu serju li tkompli tiġġarraf.

Minkejja li l-Kunsill għamel ftehim ma 'Din l-Art Ħelwa' u flimkien talbu biex din il-Batterija tgħaddi f'idejhom sabiex tiġi restawrata. Il-Gvern, bl-Aġenziji u Awtoritajiet tiegħu baqa' ma ta' l-ebda risposta definittiva minkejja ħafna promessi li ser tiġi mgħoddija fi żmien qasir.

Fl-aħħar jiem, il-Kunsill tramite' l-Avukat tiegħu kiteb lill-Ministru responsabbli mill-Artijiet biex jingħata risposta ċara x'inhu jiġri, iżda minkejja li għadda ż-żmien, il-Kunsill baqa' ma' rċieva ebda risposta.

L-NGO - 'Din l-Art Ħelwa', fl-aħħar snin ħadmet ma' Kunsilli Lokali oħra fuq wirt storiku u rrestawrat b'mod impekkabbli u salvat dan il-wirt.

Għal Kunsill Lokali mhux aċċettabbli li wirt storiku li jinsab fil-lokalita' jitħalla f'dan l-istat u l-istess Kunsill jiġi totalment injorat u mwarrab mill-Awtoritjiet tal-Gvern.